Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2126(INI)

13.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet UE-Stati Uniti
(2023/2126(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Tonino Picula

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet UE-Stati Uniti
(2023/2126(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar aġenda ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti (JOIN(2020)0022),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-President von der Leyen u l-President tal-Istati Uniti Biden tal-10 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi tas-17 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra s-summit tan-NATO f'Vilnius li sar fil-11 u t-12 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Istati Uniti u l-UE tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija, maħruġa fil-31 ta' Mejju 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-9 Kunsill tal-Enerġija bejn l-Istati Uniti u l-UE maħruġa fis-7 ta' Frar 2022 u l-10 dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill tal-Enerġija bejn l-Istati Uniti u l-UE maħruġa fl-4 ta' April 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar is-Sigurtà tal-Enerġija Ewropea tal-25 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra t-tielet dikjarazzjoni konġunta bejn l-UE u n-NATO ffirmata fl-10 ta' Jannar 2023,

– wara li kkunsidra l-Arranġament Amministrattiv bejn l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u d-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti tal-Amerka ffirmat fis-26 ta' April 2023,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/750 tas-6 ta' Mejju 2021 dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari[1],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta dwar Strateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża adottata fl-10 ta' Marzu 2023,

[1] ĠU L 160, 7.5.2021, p. 112.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar l-istat tar-relazzjonijiet trans-Atlantiċi wara l-elezzjonijiet fl-Istati Uniti[2], ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' Sħubija Trans-Atlantika usa'[3], ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-qagħda tar-relazzjonijiet UE-Stati Uniti[4] u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2022[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2022[7],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-000/2023),

A. billi kooperazzjoni trans-Atlantika b'saħħitha bbażata fuq il-prinċipju ta' sħubija ta' tmexxija u responsabbiltà konġunti hija meħtieġa biex tingħeleb il-maltempata ta' kriżijiet multipli fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku;

B. billi s-sħubija trans-Atlantika fl-affarijiet barranin hija strumentali biex jiġu affermati u msaħħa l-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-kooperazzjoni multilaterali fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

C. billi l-Istati Uniti, bl-appoġġ bipartiġġjan tagħha għall-Ukrajna, uriet solidarjetà vera mal-UE hekk kif naħdmu b'mod konġunt biex nipproteġu l-paċi u s-sigurtà fil-kontinent Ewropew, kif ukoll il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-Karta tan-NU;

D. billi l-għaqda kontra l-brutalità tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna se tkun saħansitra aktar kruċjali fix-xhur li ġejjin;

E. billi d-djalogu trans-Atlantiku bejn l-UE u l-Istati Uniti u d-diplomazija parlamentari jridu jkomplu jindirizzaw l-isfidi globali;

F. billi d-diversi kwistjonijiet li nikkooperaw dwarhom jibbenefikaw immens minn dimensjoni parlamentari saħansitra aktar b'saħħitha bejn il-Kungress tal-Istati Uniti u l-Parlament Ewropew, li ssaħħaħ is-sensibilizzazzjoni pubblika, il-leġittimità demokratika, is-sorveljanza u l-kapaċità li nwettqu l-isforzi konġunti tagħna;

G. billi l-Boxxla Strateġika, adottata f'Marzu 2022, tiddedika waħda mit-taqsimiet ewlenin tagħha għar-rwol tas-sħubijiet u titlob sħubijiet bilaterali mfassla apposta aktar

[2] ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 198.
[3] ĠU C 65, 19.2.2016, p. 120.
[4] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 89.
[5] ĠU C 132, 24.3.2022, p. 70.
[6] ĠU C 214, 16.6.2023, p. 26.
[7] ĠU C 214, 16.6.2023, p. 54.

b'saħħithom, b'mod partikolari mal-Istati Uniti u man-NATO;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

(a) li jaħdmu lejn it-trawwim ta' sħubija saħansitra aktar b'saħħitha u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jiġu ffaċċjati r-realtajiet ġodda u perikolużi li jsawru s-soċjetajiet u l-komunitajiet tagħna;

(b) li jrawmu l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE bħala mezz biex jiġu segwiti l-interessi leġittimi tal-UE stess filwaqt li tissaħħaħ ir-rabta trans-Atlantika u tiżdied l-influwenza konġunta tal-UE u tal-Istati Uniti fix-xena dinjija;

(c) li jaffermaw mill-ġdid ir-rilevanza kontinwa tar-relazzjoni trans-Atlantika strateġika għall-bini mill-ġdid u t-tisħiħ mill-ġdid tal-ordni internazzjonali multilaterali bbażat fuq ir-regoli, bis-sistema tan-NU u d-dritt internazzjonali fiċ-ċentru tiegħu;

(d) li jsaħħu s-sħubija trans-Atlantika fil-ġlieda għad-demokrazija, l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-multilateraliżmu;

(e) li jsaħħu r-responsabbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi demokratiċi tagħna fit-tħejjija għall-elezzjonijiet tas-sena d-dieħla fuq iż-żewġ naħat, kif ukoll isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni trans-Atlantiċi dwar politiki li jappoġġjaw id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani minn reġimi awtoritarji;

Kooperazzjoni dwar politika barranija

(f) li jkomplu bil-koordinazzjoni sħiħa bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar sanzjonijiet internazzjonali effettivi fuq ir-Russja, il-Belarussja u dawk kollha li jiffaċilitaw l-aggressjoni tar-Russja sabiex tiġi mminata l-kapaċità tar-Russja li tkompli l-gwerra u aggressjonijiet oħra kontra l-ġirien tagħha u li tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet;

(g) li jkomplu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-ħidma mal-Ukrajna biex tappoġġja l-proċess ta' riforma tagħha u tiżviluppa pjan ta' rikostruzzjoni fit-tul;

(h) li jsaħħu l-kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-kuntest ta' fora internazzjonali bħall-G7 u l-G20, kif ukoll fil-livell tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, sabiex ir-Russja tiġi iżolata u titrawwem il-kooperazzjoni ma' pajjiżi ġenwinament interessati fil-promozzjoni tal-multilateraliżmu u fid-difiża tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;

(i) li jkomplu l-kooperazzjoni eċċellenti fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin u jsaħħu r-rieda tagħna kontra l-użu malizzjuż tal-avvanz teknoloġiku li jagħmel ħsara lill-interessi kondiviżi tagħna;

(j) li jivvalutaw l-importanza tal-konverġenza qawwija tal-pożizzjonijiet trans-

Atlantiċi lejn iċ-Ċina, jibnu aktar u aktar fuq l-istrateġija ta' "tneħħija tar-riskji" filwaqt li jfittxu modi ta' kooperazzjoni maċ-Ċina dwar xi sfidi globali;

(k) li jikkomunikaw b'mod konġunt mal-pajjiżi tan-Nofsinhar Globali u jsaħħu l-kapaċità tagħna li naħdmu fi sħubija u l-impenn tagħna għall-valuri demokratiċi, ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u għall-ħidma man-Nofsinhar Globali fuq triq alternattiva attraenti għall-iżvilupp diġitali;

(l) li jesploraw modi biex jinħolqu sinerġiji u possibbiltajiet ta' involviment bejn l-UE u l-Istati Uniti maċ-Ċina f'oqfsa multilaterali dwar sfidi komuni u globali, bħat-tibdil fil-klima, ir-riskji relatati mas-saħħa, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, iċ-ċiberspazju, il-kontroll tal-armi, in-nonproliferazzjoni u t-teknoloġiji fixkiela emerġenti;

(m) li jaħdmu mal-Istati Uniti u s-sħab madwar id-dinja biex jiġu minimizzati r-riskji li jirriżultaw mill-proliferazzjoni ta' teknoloġiji sensittivi, filwaqt li jinżammu l-livelli massimi ta' ftuħ lejn il-kooperazzjoni internazzjonali;

(n) li japprofondixxu l-kooperazzjoni fit-tiswir ta' standards demokratiċi għall-użu tat-teknoloġija billi jallinjaw l-istrateġiji tad-diplomazija diġitali tagħhom sabiex jiddefendu l-valuri tagħna, isaħħu s-sigurtà tagħna u jrawmu standards diġitali li jservu d-demokrazija f'livell nazzjonali u madwar id-dinja;

(o) li japprofondixxu l-isforzi trans-Atlantiċi konġunti biex jiżguraw infrastruttura trans-Atlantika ewlenija u biex javvanzaw infrastruttura ta' konnettività sigura u reżiljenti għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni madwar id-dinja mas-sħab;

(p) li jiżguraw li l-UE u l-Istati Uniti, flimkien ma' sħab rilevanti oħra, joħolqu toroq robusti għat-trasferiment trans-Atlantiku tad-data u alternattivi siguri sabiex il-fluss tad-data jkun jista' jinżamm jew jiġi restawrat malajr anke f'każijiet ta' tentattivi ta' tfixkil;

(q) li jrawmu sħubija aktar mill-qrib mal-Istati Uniti u sħab oħra tal-istess fehma fir-reġjun Indo-Paċifiku;

(r) li jkomplu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-Balkani tal-Punent biex il-pajjiżi f'dak ir-reġjun jitqarrbu lejn is-sħubija fl-UE u jitmexxa 'l quddiem id-Djalogu bejn Belgrad u Pristina ffaċilitat mill-UE;

(s) li jissottolinjaw il-ħtieġa li jitkomplew l-impenji bilaterali tajbin dwar il-politiki rispettivi tagħna lejn il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, kif ukoll li jkomplu jikkoordinaw l-isforzi tagħna biex ninkoraġġixxu żviluppi pożittivi fir-reġjun usa';

(t) li jsaħħu l-kooperazzjoni trans-Atlantika dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni, ir-reazzjonijiet diplomatiċi, il-bini tal-kapaċità u dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza ċibernetika permezz tad-Djalogu Ċibernetiku bejn l-UE u l-Istati Uniti;

(u) li jiżguraw li l-Istati Uniti jibqgħu sħab importanti għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE;

(v) li joperazzjonalizzaw aktar djalogu trans-Atlantiku eqreb u jikkooperaw dwar sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(w) li jimmiraw għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-impronta tal-karbonju;

Kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża

(x) li jibnu fuq it-tielet dikjarazzjoni konġunta bejn l-UE u n-NATO u joperazzjonalizzaw aktar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO f'oqsma bħar-reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, it-teknoloġiji emerġenti u fixkiela, l-ispazju, l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin;

(y) li japprofondixxu s-sħubijiet fl-oqsma ta' kooperazzjoni previsti mill-Kunċett Strateġiku tan-NATO u l-Boxxla Strateġika tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-mobbiltà militari, l-infrastruttura b'użu doppju, ir-reżiljenza u l-eżerċizzji konġunti inklużivi;

(z) li jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji tad-difiża bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar proġetti konġunti li jservu biex jintlaħqu għanijiet kondiviżi ta' sigurtà u difiża u jiżguraw interoperabbiltà aħjar bejn l-UE, l-Istati Uniti u n-NATO;

(aa) li jinkoraġġixxu aktar kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti billi jpoġġu fil-prattika l-Arranġament Amministrattiv bejn l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u d-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, fid-dawl tal-importanza tiegħu fir-realtà ġeopolitika attwali;

(ab) li jkomplu l-koordinazzjoni li għaddejja tal-appoġġ militari pprovdut lill-Ukrajna fil-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna;

(ac) li japprofondixxu l-kooperazzjoni fis-sigurtà fl-ispazju mal-Istati Uniti;

(ad) li jindirizzaw b'mod konġunt it-tixrid tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza Russa u Ċiniża, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq il-Balkani tal-Punent, l-Afrika u l-Amerka Latina;

°

° °

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.